



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.10.2018
COM(2018) 667 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara
applikazzjoni mill-Greċja – EGF/2018/003 EL/Attica publishing**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹ (ir-“Regolament tal-FEG”).
2. Fit-22 ta' Mejju 2018, il-Greċja ressqet l-applikazzjoni EGF/2018/003 EL/Attica publishing għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara sensji² fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 58 tal-NACE Reviżjoni 2 (“Attivitajiet ta' pubblikazzjoni”) fir-reġjun tal-livell NUTS 2 ta' Αττική (Attika) (EL30) fil-Greċja.
3. Wara li vvalutat din l-applikazzjoni, b'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha tar-Regolament tal-FEG, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma ssodisfati.

SINTEŻI TAL-APPLIKAZZJONI

| | |
|---|--|
| L-applikazzjoni tal-FEG | EGF/2018/003 EL/Attica publishing |
| Stat Membru | Il-Greċja |
| Reġjun(i) kkonċernat(i) (livell NUTS ³ 2) | Αττική (Attika) (EL30) |
| Data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni | 22 ta' Mejju 2018 |
| Data ta' konferma tal-wasla tal-applikazzjoni | 22 ta' Mejju 2018 |
| Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali | 1 ta' Awwissu 2018 |
| Data ta' skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali | 12 ta' Settembru 2018 |
| Skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni | 24 ta' Ottubru 2018 |
| Il-kriterju ta' intervent | L-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament tal-FEG |
| L-għadd ta' intrapriżi kkonċernati | 3 |
| Is-settur(i) tal-attività ekonomika (Diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2) ⁴ | Diviżjoni 58 (Attivitajiet ta' pubblikazzjoni) |
| Perjodu ta' referenza (disa' xhur): | 29 ta' Mejju 2017 – 28 ta' Frar 2018 |
| Għadd totali ta' sensji | 550 |
| Għadd totali ta' beneficijarji eliġibbli | 550 |

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

² Skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-FEG.

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trażmissjoni tas-serje kronoloġiċi għat-tqassim reġjonali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34).

⁴ ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

| | |
|---|-----------|
| Għadd totali ta' benefiċjarji fil-mira | 550 |
| Baġit għas-servizzi personalizzati (f'EUR) | 3 697 500 |
| Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG ⁵ (EUR) | 150 000 |
| Baġit totali (EUR) | 3 847 500 |
| Kontribuzzjoni tal-FEG (60 %) (EUR) | 2 308 500 |

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Proċedura

4. Fit-22 ta' Mejju 2018, il-Greċja ressqet l-applikazzjoni EGF/2018/003 EL/Attica publishing fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji tal-intervent stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-FEG. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet il-wasla tal-applikazzjoni fl-istess data u talbet għal informazzjoni addizzjonali mill-Greċja fi żmien ġimgħatejn mid-data li fiha l-Kummissjoni rċeviet it-traduzzjoni tal-applikazzjoni, fl-1 ta' Awwissu 2018. Din l-informazzjoni addizzjonali ngħatat fi żmien sitt ġimgħat mit-talba, fl-1 ta' Awwissu 2018. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-ġhoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja, fi żmien l-iskadenza ta' 12-il ġimgħa minn meta tasal l-applikazzjoni kompluta u li tiskadi fl-24 ta' Ottubru 2018.

Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

Kriterji ta' intervent

5. Il-Greċja ressqet l-applikazzjoni skont il-kriterju ta' intervent tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament tal-FEG, li jeħtieġ li mill-inqas 500 ħaddiem jingħataw is-sensja fuq perjodu ta' referenza ta' disa' xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess settur ekonomiku definit fil-livell tad-diviżjoni NACE Rev. 2 u li jinsabu f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi kif definit fil-livell NUTS 2 fi Stat Membru. Kien hemm 550 sensja fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 58 NACE Rev. 2 (L-attivitajiet ta' pubblikazzjoni) fir-reġjun tal-livell NUTS 2 ta' Αττική (Attika) (EL30)
6. Il-perjodu ta' referenza ta' disa' xhur għall-applikazzjoni huwa mid-29 ta' Mejju 2017 sat-28 ta' Frar 2018.

Intrapriżi u benefiċjarji kkonċernati

7. L-intrapriżi u l-għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza:

| Intrapriżi | Sensji matul il-perjodu ta' referenza |
|---------------------------------------|---------------------------------------|
| Lambrakis Press SA (DOL) | 324 |
| Ethnos Publications SA | 185 |
| Pegasus Magazines Publications | 41 |
| Għadd totali ta' intrapriżi: 3 | Għadd totali ta' sensji: 550 |

Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività

8. Is-sensji kollha tul il-perjodu ta' referenza ġew ikkalkulati mid-data tan-notifika individwali tal-impjegatur dwar it-tkeċċija jew it-terminazzjoni tal-kuntratt tal-impjeg tal-ħaddiema.

⁵ B'konformità mar-raba' paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.


Benefiċjarji eliġibbli

9. L-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 550.

Rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009

10. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009, il-Greċja targumenta li matul il-perjodu 2008-2016, il-PDG reali *per capita* tal-Greċja naqas b'25% (minn EUR 22 600 għal EUR 17 000) u l-qgħad żdied bi kważi 16-il punt perċentwali (minn 7,8% għal 23,6%).

PDG *per capita* f'eluf ta' Euro (2005-2016, prezzijiet kostanti tal-2010)




Sors *INE GSEE*⁶, *ibbażat fuq id-data AMECO*⁷.

⁶ [Sors INE/GSEE. L-ekonomija u l-impjegi fil-Greċja. Rapport annwali 2017](#)

⁷ AMECO hija l-bażi tad-*data* makroekonomika annwali tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-Kummissjoni Ewropea.

Rata tal-qgħad totali (%)
 – Perċentwal tal-popolazzjoni attiva–




Sors: Eurostat⁸

11. Barra minn hekk, biex jindirizza l-pagamenti lura tad-djun barranin, il-Gvern Grieg ilu mill-2008 jieħu miżuri mhux popolari, fosthom billi żied ir-rati tat-taxxa, għamel in-nefqa pubblika aktar effiċjenti u naqqas is-salarji tal-ħaddiema taċ-ċivil. Is-salarji fis-settur privat bdew jitnaqqsu wkoll f'tentattiv li tizzied il-kompetittività tal-ekonomija Griega.
12. Matul il-perjodu bejn Jannar 2008 u Jannar 2018, kien hemm żieda fil-paga minima fl-Istati Membri tal-UE. Il-Greċja biss uriet tnaqqis ta' 14% fil-paga minima nazzjonali.

⁸

<http://ec.europa.eu/eurostat/tgm/table.do?tab=table&init=1&plugin=1&language=en&pcode=tps00203>

Pagi minimi
(Jannar 2008 u Jannar 2018)



■ Pagi minimi, Jannar 2008 (skala tax-xellug)
■ Pagi minimi, Jannar 2018 (skala tax-xellug)
■ Rata annwali medja ta' tibdil, Jannar 08 sa Jannar 18 (skala tal-lemin)

Nota: Id-Danimarka, l-Italja, Ċipru, l-Awstrija, il-Finlandja u l-Iżvezja: l-ebda paga minima nazzjonali

(¹) Lulju 2008 minflok Jannar 2008

(²) Jannar 2008 u t-tibdil tar-rata annwali medja mhuWiex disponibbli


Sors: Eurostat (kodiċi tad-data online *earn_mw_cur*)

13. Skont ir-riżultati tal-istħarriġ dwar il-forza tax-Xogħol tal-Q2 2016, il-perċentwal ta' ħaddiema/impjegati li l-qligħ ta' kull xahar tagħhom kien inqas minn EUR 700, żdied b'madwar 26 punt perċentwali (minn 13,1% għal 38,8%) matul il-perjodu 2009-2016; filwaqt li n-numru ta' ħaddiema/impjegati li jaqilgħu aktar minn EUR 700 naqas fil-kategoriji kollha tas-salarji⁹.

⁹

[Sors INE/GSEE. L-ekonomija u l-impjegi fil-Greċja. Rapport annwali 2017](#)

Evoluzzjoni tas-salarji fis-settur privat fil-Greċja (2009-2016)




(*) Ma jafux jew ma jwieġbux

Sors INE/GSEE, ibbażat fuq ELSTAT, Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xoġhol (Q2 2009 u Q2 2016)¹⁰

14. Minħabba ż-żieda fil-qgħad u s-salarji li qed jonqsu, id-dħul tal-familji fil-Greċja ilu jonqos mill-bidu tal-kriżi ekonomika u finanzjarja fl-2008. L-effett immedjat ta' dan it-tnaqqis kien tnaqqis fil-konsum. In-nefqa tal-unitajiet domestiċi fil-Greċja naqas b'mod kostanti matul il-perjodu 2008-2013 u ma żdiedx minn dakinhar. L-unitajiet domestiċi naqqsu sostanzjalment l-ispejjeż kollha mhux essenzjali u naqqsu xi wħud minn dawk essenzjali.

Dħul u Konsum Domestiku f'Euro (Il-Greċja, Q4 2008 - Q2 2016, preżżijiet kostanti tal-2010)



Sors INE GSEE¹¹, ibbażat fuq id-data tal-Eurostat

¹⁰ Ibid

15. Matul il-perjodu 2011-2017, il-bejgħ tal-istampa ta' kuljum u perjodiku waqa' fil-Greċja. Il-bejgħ tal-gazzetti niżel minn 144 miljun kopja fl-2011 għal 57 miljun fl-2017 u l-bejgħ tar-rivisti niżel minn 60 miljun kopja għal 23 miljun. It-tnaqqis stabbli huwa l-konsegwenza tal-kriżi ekonomika u finanzjarja li l-effetti tagħha għadhom jaffettwaw l-ekonomija Griega (it-tnaqqis fid-dħul domestiku, il-livell għoli ta' qgħad, eċċ.) flimkien ma' evoluzzjoni diġitali rapida, li qed tittrasforma s-settur tal-pubblikazzjoni.

Bejgħ tal-Istampa Kuljum u Perjodiku 2012-2017

% sena wara sena

| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 |
|---------------------------------|-------|-------|------|-------|-------|-------|
| L-istampa ta' kuljum (gazzetti) | -18,9 | -10,5 | -8,9 | -10,7 | -15,9 | -19,6 |
| L-istampa perjodika (rivisti) | -22 | -15,0 | -7,3 | -19,8 | -9,0 | -15,4 |

Sors: IBHS ibbażat fuq l-istħarriġ tal-istampa ta' ELSTADT ta' Kuljum u perjodiku 2017¹²

16. L-applikazzjoni attwali hija segwitu għall-applikazzjoni EGF/2014/018 GR Attica publishing. L-argumenti pprovduti f'dak iż-żmien jibqgħu validi.
17. Sal-lum, is-settur tal-attivitajiet tal-Pubblikazzjoni kien is-suġġett ta' tliet applikazzjonijiet tal-FEG, kollha bbażati fuq il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali¹³.

Avvenimenti li jwasslu għal sensji u waqfien ta' attività

18. L-avvenimenti li jwasslu għal dawn is-sensji huma l-qtugħ kbir fin-nefqa tar-reklamar ta' reklamaturi kbar, bħall-produtturi tal-karozzi u l-banek u t-tnaqqis fil-bejgħ tal-istampa ta' kuljum u dik perjodika; it-tnejn ikkawżati mit-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. It-tnaqqis fil-bejgħ huwa wkoll relatat mal-bidla fl-udjenzi tal-qarrejja mill-istampa stampata għall-istampa elettronika minħabba aċċessibilità faċli għall-kontenut u l-immedjatezza tagħha, iżda wkoll ikkawżat mill-fatt li l-verzjoni diġitali tal-gazzetti hija prinċipalment bla ħlas (64% ta' dawk li wiegħbu għall-istħarriġ dwar "l-impatt tal-midja elettronika fil-bidla tal-attitudnijiet tal-qarrejja" qablu li ma għadhomx jagħżlu l-informazzjoni stampata kif għamlu fl-imġhoddi minħabba l-ispiża tagħha¹⁴).
19. Il-kumpaniji tal-pubblikazzjoni ltaqgħu ma' problemi serji f'termini ta' vijabbiltà, hekk kif il-fatturat tagħhom aggrava matul il-perjodu ta' kriżi. Matul id-deċennju

¹¹ Ibid

¹² <https://www.ibhs.gr/joomla-pages/joomla-content/list-all-categories/23-news/arthrography/172-newspapers-magazines>

¹³ EGF/2009/024 NL Noord Holland u Zuid Holland, KUMM(2010) 532

EGF/2014/018 GR Attica publishing, COM(2015) 040 u l-applikazzjoni attwali.

¹⁴ [L-influwenza tal-midja elettronika fuq it-tibdil fl-attitudnijiet tal-udjenza ta' qarrejja lejn l-istampa stampata. Karamanlis Michalis, Aten, Settembru 2016](#)

2005-2014, il-fatturat tas-settur tal-pubblikazzjoni naqas b'56,4%. Matul dawn l-aħħar tliet snin, il-fatturat kompli jonqos b'14,3% fl-2015, 8,3% fl-2016 u 19,5% fl-2017, li jirrifletti kemm in-nuqqas fid-dħul mir-reklamar kif ukoll fid-dħul mill-bejgħ. Id-diffikultajiet biex jaċċessaw is-self u n-nuqqas ta' likwidità, bħala effett sekondarju tar-riċessjoni tal-ekonomija Griega, żiedu mad-diffikultajiet tal-intrapriżi fis-settur tal-pubblikazzjoni, dan irriżulta f'sospensjoni tal-attivitajiet, irkant tal-intrapriżi u sensji.

L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija u l-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali

20. Is-sensji kollha seħħew f'Attika. L-impatt mistenni fit-territorju huwa marbut mad-diffikultajiet ta' riallokazzjoni minħabba l-iskarsezza ta' impjiegi u n-numru kbir ta' persuni li qed ifittxu xogħol, b'mod partikolari fit-tul.
21. Għalkemm ir-rata tal-qgħad Griega ilha tonqos mill-2014, meta laqget il-massimu tagħha (27,2%); f'Jannar 2018 il-qgħad kien għadu aktar minn 20%¹⁵ u l-qgħad fit-tul (> 12-il xahar) kien jirrappreżenta 55,2% tal-qgħad totali¹⁶.
22. Attika tirrappreżenta 34,7% tal-qgħad Grieg totali u 36% tal-qgħad fit-tul. Barra minn hekk, f'dan ir-reġjun dawk li qed ifittxu x-xogħol fit-tul huma 57,4% tat-total tal-persuni li qed ifittxu x-xogħol (żewġ punti perċentwali oġhla mill-medja nazzjonali)¹⁷.

Benefiċjarji fil-mira u azzjonijiet proposti

Benefiċjarji fil-mira

23. Il-550 ħaddiem li ngħataw is-sensja kollha huma mistennija li jipparteċipaw fil-miżuri. Id-diżaggregazzjoni ta' dawn il-ħaddiema skont is-sess, iċ-ċittadinanza u l-età hija kif ġej:

| Kategorija | | Numru ta' benefiċjarji fil-mira | |
|----------------|------------------------|---------------------------------|-----------|
| Sess: | Irġiel: | 320 | (58,18 %) |
| | Nisa: | 230 | (41,82 %) |
| Ċittadinanza: | Ċittadini tal-UE: | 549 | (99,82 %) |
| | ċittadini mhux tal-UE: | 1 | (0,18 %) |
| Grupp ta' età: | 15-24 sena: | 3 | (0,55 %) |
| | 25-29 sena: | 6 | (1,09 %) |
| | 30-54 sena: | 460 | (83,63 %) |
| | 55-64 sena: | 80 | (14,55 %) |
| | aktar minn 64 sena: | 1 | (0,18 %) |

¹⁵ Sors: ELSTAT, [stqarrija għall-istampa tat-12 ta' April 2018](#)

¹⁶ Sors: OAED. [Persuni qiegħda li qed ifittxu impjieg irreġistrati f'OAED, Jannar 2018](#)

¹⁷ Ibid

Eliġibbiltà tal-azzjonijiet proposti

24. Is-servizzi personalizzati li jridu jiġu pprovduti lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja jikkonsistu mill-azzjonijiet li ġejjin:

- **Gwida professjonali:** Din il-miżura ta' akkumpanjament se tiġi offruta lill-parteċipanti kollha u tikkonsisti f'sessjonijiet individwali (ħlief is-sessjoni ta' informazzjoni ġenerali li se tkun sessjoni kollettiva) li tkopri l-istadji li ġejjin:

1. Informazzjoni ġenerali. Din l-ewwel miżura indirizzata lill-ħaddiema kollha tipprovdri informazzjoni bażika dwar il-proġett u l-prospetti tagħhom bħala parteċipanti.

2. Dħul u reġistrazzjoni. Dan jinkludi informazzjoni dwar is-servizzi disponibbli u l-programmi ta' taħriġ u dwar ir-rekwiżiti marbuta mal-ħiliet u mat-taħriġ.

3. Dokument personali u okkupazzjonali. Dan hu maħsub biex jgħin lill-ħaddiema jidentifikaw is-saħħiet u d-dgħjufijiet tagħhom stess, l-opportunitajiet relatati mal-interessi tagħhom u biex jistabbilixxu pjan realistiku għall-karriera tagħhom. Wara dawn il-valutazzjonijiet, jitfassal dokument personali u okkupazzjonali, li jistabbilixxi l-proġett individwali u pjan ta' azzjoni.

4. Appoġġ fit-tiftix ta' impjieġ u gwida għall-karriera. Dan jinkludi: (1) taħriġ fi kwistjonijiet orizzontali bħall-iżvilupp ta' ħiliet soċjali, l-aġġustament għal sitwazzjonijiet ġodda u t-teħid ta' deċiżjonijiet; (2) l-assistenza fit-tiftix ta' impjieġ inkluż taħrif fuq impjieġi disponibbli, riċerka attiva tal-opportunitajiet tax-xogħol lokali u reġjonali, tekniki ta' tiftix tax-xogħol u taħriġ fuq l-abbozzar ta' CVs u ittri ta' introduzzjoni u kif tħejji għal intervista tax-xogħol; (3) gwida għall-karriera. Il-konsulenti se jipprovdu gwida vokazzjonali lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja u se jmexxuhom lejn offerti tax-xogħol speċifiċi.

5. Gwida lejn l-impjieġ. Il-konsulenti se jakkumpanjaw ukoll lill-ħaddiema matul l-implimentazzjoni tal-perkorsi tat-taħriġ tagħhom u tal-pjanijiet individwali ta' reintegrazzjoni fid-dinja tax-xogħol. Il-parteċipanti li huma interessati li jiftħu negozju se jirċievu appoġġ ġenerali u konsulenza fl-intraprenditorija fil-qafas ta' dan l-istadju.

6. Monitoraġġ. Dan jipprevedi segwitu tal-parteċipanti matul is-sitt xhur wara t-tmiem tal-implimentazzjoni tal-miżuri. Din l-attività se titwettag bi spejjeż tal-Istat Membru.

- **It-taħriġ, it-taħriġ mill-ġdid u t-taħriġ vokazzjonali.** Din il-miżura tikkonsisti fil-provvista ta' korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet rikonoxxuti fis-suq tax-xogħol u f'oqsma u setturi bi prospetti tajbin ta' żvilupp. It-taħriġ se jindirizza wkoll il-ħtiġijiet tal-ħaddiema, kif identifikati waqt il-gwida professjonali. Se jiġu pprovduti żewġ tipi ta' taħriġ: programmi ta' taħriġ vokazzjonali (300 siegħa kull wieħed) kif ukoll korsijiet speċjalizzati li jwasslu għal ċertifikazzjoni jew liċenzji u programmi edukattivi. L-offerta pplanata ta' taħriġ tirrifletti t-taħriġ aktar popolari fost il-ħaddiema tal-każ Attica I¹⁸, bħall-amministrazzjoni tan-negozju; il-kummerċ elettroniku; il-bejgħ, il-kummerċjalizzazzjoni u l-midja soċjali; il-ħiliet bażiċi u avvanzati

¹⁸ EGF/2014/018 GR Attica publishing, COM(2015) 040

tal-IT; id-disinn tal-web; u l-loġistika. Madankollu, l-offerta finali ta' taħriġ se tintegra r-risultat tal-gwida professjonali.

- **Kontribuzzjoni għall-bidu ta' negozju.** Il-ħaddiema li jiftħu n-negozju tagħhom se jirċievu sa EUR 15 000, bħala kontribuzzjoni biex ikopru l-ispejjeż tal-bidu. Fil-Greċja, waħda mid-diffikultajiet ewlenin li jiffaċċjaw l-impreduranti meta jiftħu negozju hija l-aċċess għall-finanzjament. Il-banek jirrifjutaw il-maġġoranza tat-talbiet tas-self minħabba n-nuqqas ta' flus kontanti. Din il-miżura għandha l-għan li tippromwovi l-intraprenditorija permezz ta' dan l-appoġġ finanzjarju.
 - **Allowance għat-tfittxija għax-xogħol u allowance għat-taħriġ.** Biex jiġu koperti l-ispejjeż imġarrbin meta jieħdu sehem fl-attivitajiet ta' gwida professjonali, il-benefiċjarji se jirċievu EUR 40 għal kull jum ta' parteċipazzjoni. Waqt it-taħriġ, l-allowance se tkun ta' EUR 3,33 fis-sieġha.
 - **Inċentivi tar-reklutaġġ.** Dan il-pagament huwa ta' benefiċċju għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja billi jiffaċilita l-impjeg mill-ġdid tagħhom f'intrapriża differenti. L-intrapriża li timpjega se tirċievi EUR 650 kull xahar għal massimu ta' sitt xhur, bil-kundizzjoni li l-ħaddiem jinżamm fix-xogħol ladarba l-inċentiv ikun intemm, għal mill-inqas sitt xhur oħra.
25. L-azzjonijiet proposti deskritti hawnhekk jikkostitwixxu miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-FEG. Dawn l-azzjonijiet ma jissostitwixxux il-miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
26. Il-Greċja pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar l-azzjonijiet li huma obbligatorji għall-intrapriża konċernata b'konformità mal-liġi nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi. Huma kkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhijiex se tieħu post dawn l-azzjonijiet.

Baġit stmat

27. L-ispejjeż totali stmati huma ta' EUR 3 847 500, li jinkludu nefqa ta' EUR 3 697 500 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 150 000 għal attivitajiet ta' thejjiġa, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar.
28. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba biex tingħata mill-FEG hija ta' EUR 2 308 500 (60 % tal-ispejjeż totali).

| Azzjonijiet | Għadd stmat ta' parteċipanti | Spiża stmata għal kull parteċipant (EUR) | Spejjeż totali stmati (EUR) ¹⁹ |
|---|------------------------------|--|---|
| Servizzi personalizzati (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(a) u (c) tar-Regolament tal-FEG) | | | |
| Gwida okkupazzjonali (Επαγγελματική συμβουλευτική) | 550 | 1 250 | 687 500 |
| Taħriġ, taħriġ mill-ġdid u taħriġ vokazzjonali (Επαγγελματική Κατάρτιση, Εξειδικευμένη κατάρτιση) | 550 | 1 573 | 865 000 |

¹⁹ It-totali ma jaqblux minhabba arrotondament.

| | | | |
|--|-----|--------|------------------------|
| Kontribuzzjoni għall-bidu ta' negozju (Συνεισφορά για σύσταση επιχείρησης) | 60 | 15 000 | 900 000 |
| Subtotal (a): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati | | – | 2 452 500 (66,33 %) |
| Allowances u inċentivi (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG) | | | |
| Allowance għat-tfittix ta' impjeg | 550 | 1 000 | 550 000 |
| Allowance għat-taħriġ | 500 | 1 000 | 500 000 |
| Inċentivi ta' impjeg (Επιδότηση θέσεων εργασίας) | 50 | 3 900 | 195 000 |
| Subtotal (b): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati: | | – | 1 245 000 (33,67 %) |
| Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-FEG | | | |
| 1. Aattivitajiet ta' tħejjija | | – | 10 000 |
| 2. Ġestjoni | | – | 80 000 |
| 3. Informazzjoni u reklamar | | – | 30 000 |
| 4. Kontroll u rrapportar | | – | 30 000 |
| Subtotal (c): Perċentwal tal-ispejjeż totali: | | – | 150 000 (3,90 %) |
| Spejjeż totali (a + b + c): | | – | 3 847 500 |
| Kontribuzzjoni tal-FEG (60 % tal-ispejjeż totali) | | – | 2 308 500 |

29. L-ispejjeż tal-azzjonijiet identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG ma jaqbūx il-35 % tal-ispejjeż totali tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati. Il-Greċja kkonfermat li dawn l-azzjonijiet huma marbuta mal-kundizzjoni li jkun hemm parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira f'attivitajiet ta' tiftix tal-impjeg jew ta' taħriġ.

30. Il-Greċja kkonfermat li l-ispejjeż tal-investimenti għall-ħaddiema indipendenti, il-ftuħ ta' negozji u l-akkwiżizzjonijiet minn impjegati mhux se jaqbū l-EUR 15 000 għal kull benefiċjarju.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

31. Il-Greċja bdiet tipprovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fit-22 ta' Awwissu 2018. Għaldaqstant, in-nefqa fuq l-azzjonijiet se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mit-22 ta' Awwissu 2018 sat-22 ta' Awwissu 2020.

32. Il-Greċja bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-FEG fit-22 ta' Ġunju 2018. In-nefqa għal attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni

u pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar għandha għaldaqstant tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mit-22 ta' Ġunju 2018 sat-22 ta' Frar 2021.

Kumplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

33. Is-sors ta' prefinanzjament jew ta' kofinanzjament nazzjonali huwa l-Programm ta' Investiment Pubbliku Nazzjonali tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Iżvilupp Grieg).
34. Il-Greċja kkonfermat li l-miżuri deskritti hawn fuq, li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, mhumiex ser jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni.

Proċeduri għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew tar-rappreżentanti tagħhom jew is-sħab soċjali kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali

35. Il-Greċja indikat li l-applikazzjoni u l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati ġew diskussi mir-rappreżentanti tal-Unjin tal-Ġurnalisti tal-Gazzetti li Joħorġu ta' Kuljum f'Ateni (ΕΣΗΕΑ), l-assoċjazzjoni tal-ħaddiem tal-pubblikazzjonijiet ta' kuljum ta' Ateni (ΕΠΗΕΑ) u l-Ministeru tax-Xogħol fil-11 ta' Mejju 2018.

Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

36. L-applikazzjoni fiha deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Il-Greċja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tiġi ġestita u kkontrollata kif ġej:
 - id-Direttorat Eżekuttiv²⁰ tal-NSRF tal-Ministeru tax-Xogħol, is-Sigurtà Soċjali u s-Solidarjetà Soċjali se jaġixxi bħala awtorità ta' ġestjoni,
 - l-EDEL (il-Kumitat tal-Awditjar Finanzjarju) bħala awtorità tal-awditjar, u
 - s-Servizz Speċjali għaċ-Ċertifikazzjoni u l-Verifika tal-Programmi Kofinanzjati tal-Ministeru tal-Ekonomija, Infrastruttura, Turiżmu u Baħar bħala awtorità taċ-ċertifikazzjoni.

Impenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat

37. Il-Greċja pprovdiet l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa fir-rigward ta' dawn li ġejjin:
 - il-prinċipji tal-ugwaljanza tat-trattament u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rrispettati fil-kuntest tal-aċċess għall-azzjonijiet proposti u fl-implimentazzjoni tagħhom,
 - ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew issodisfati,
 - l-intrapriżi li taw is-sensji, li komplew bl-attivitajiet tagħhom wara s-sensji, ikkonformaw mal-obbligi legali tagħhom li jirregolaw is-sensji u pprovdew għall-ħaddiema tagħhom bix-xieraq,
 - l-azzjonijiet proposti mhumiex se jirċievu għajjnuna finanzjarja minn fondi oħrajn jew minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni, u kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi evitat,
 - l-azzjonijiet proposti se jikkumplementaw l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali,
 - il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat.

²⁰ Qafas ta' Referenza Strateġiku Nazzjonali (l-NSRF)

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Proposta baġitarja

38. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020²¹.
39. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-FEG, u wara li qieset l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, l-azzjonijiet proposti u l-ispejjeż stmati, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-FEG għall-ammont ta' EUR 2 308 500, li jirrappreżenta 60 % tal-ispejjeż totali tal-azzjonijiet proposti, sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
40. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stabbilit fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba²².

Atti relatati

41. Fl-istess waqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni sabiex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, proposta għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 2 308 500 lejn il-linja baġitarja rilevanti.
42. Fl-istess waqt li tadotta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tadotta deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li se jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw id-deċiżjoni proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG.

²¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

²² ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni mill-Greċja – EGF/2018/003 EL/Attica publishing

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006²³, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba²⁴, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-FEG) għandu l-għan li jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u lil persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, jew b'riżultat ta' kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida, u biex jgħinhom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma jridx jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (il-prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013²⁵.
- (3) Fit-22 ta' Mejju 2018, il-Greċja ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward ta' sensji fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt il-klassifikazzjoni Statistika ta' attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (l-"NACE") Reviżjoni 2 Diviżjoni 58 (Attivitajiet ta' pubblikazzjoni) fir-reġjun ta' Αττική (Attika) fil-Greċja tal-livell 2 (EL30) tan-Nomenklatura ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika (l-"NUTS")²⁶. Din kienet issupplimentata minn informazzjoni addizzjonali pprovduta b'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Dik l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

²³ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

²⁴ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

²⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

²⁶ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trażmissjoni tas-serje kronoloġiċi għat-tqassim reġjonali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34).

- (4) Għaldaqstant, il-FEG jenħtieġ li jiġi mmobilizzat sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal EUR 2 308 500 għall-applikazzjoni ppreżentata mill-Greċja.
- (5) Sabiex jiġi mminimizzat iż-żmien meħud biex jiġi mobilizzat il-FEG, din id-deċiżjoni għandha tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja għall-2018, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 2 308 500 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandha tapplika minn *[id-data tal-adozzjoni tagħha]**.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President